MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 2142/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta l-assikurat taghha Charlie Farrugia abbazi tal-polza ta assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Charlie Farrugia (ID 657343M)**

**vs**

**Lawrence Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta Novembru 2004 fejn
intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma
ta mija u hamsa u disghin lira tlieta u sittin centezmu (Lm195.63)
rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f'incident stradali li sehh fil-15

ta Marzu 2004 gewwa l-Msida bejn il-vettura numru FAF 946
proprjeta tal-atturi l-vettura numru MIZ 101 misjuqa mill-konvenut
ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.
Bl-ispejjes inkluzi dwak ta ittra ufficcjali datata 13 ta Ottubru 2004 u ta ohra prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax legali dekorribbli mit-13 ta Ottubru 2004 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 25 ta Novembru 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident in kwistjoni kif ukoll id-danni allegatament kawzati stante li ma gew kagunati ebda danni f'dan l-incident.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kollizzjoni in kwistjoni sehhet l-Msida bejn wiehed u iehor fit-trieq id-dritta fil-vicinanzi tal-Johnsons store. Fuq dan il-punt ta l-anqas hemm qbil bejn il-partijiet. Dwar il-kumplament u cioe fuq il-mod ta kif gara l-incident hemm divergenza bejn ix-xhieda taz-zewg sewwieqa ghalkemm a tempo vergine skond ir-rapport tal-warden ma jidhirx li kien hemm daqshekk diskrepanzi bejniethom.

Skond l-istess rapport a fol 25 u 30 tal-process l-attur rapporta li huwa kien miexi bid-dritt fuq il-karreggjata ta gewwa meta l-konvenut qabed u kiser ghal go fih fuq ix-xellug tieghu meta rriskontra vettura parkeggjata quddiem. Din il-verzjoni giet konfermata minnu bil-gurament u jzid ighid li l-konvenut kien qed jipprova jaqbzu minn gewwa fuq ix-xellug tieghu u difatti kien miexi fuq l-ispazju ta fejn suppost ikun hemm vetturi parkeggjati. Meta l-konvenut sab vettura parkeggjata quddiemu qed taghlaqlu t-trieq huwa gibed il-barra biex jevitha bil-konsegwenza li laqghat

il-vettura tal-attur. L-attur jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi fuq l-iskizz a fol 27 u 33 tal-process. Il-warden 147 Ronnie Azzopardi jghid li l-iskizz a fol 33 tal-process kien ghamlu billi kkopja wiehed maghmul mill-konvenut stante li meta mar fuq il-post il-vetturi kienu caqalquhom.

Fix-xhieda tieghu bil-gurament, il-konvenut donnu qed jipprova jiddipartixxi minn dik moghtija minnu a tempo vergine u ffirmata minnu stess kif jidher a fol 30 tal-process. Dak in-nhar huwa ferm sinifikanti l-fatt li l-konvenut kien qal is-segwenti dwar kif sehh l-incident u cioe:-

a) "*I found suddenly a parked car on res parking, had to stop and changing lane at the same time"*

b) *"unfortunately I found another car on the outer lane coming to the lane I wanted to go into".*

Illi ghalhekk il-konvenut hawn qed jammetti li huwa kiser f'daqqa minn karreggjata ghal ohra (minnhabba li sab ma wiccu vettura parkeggjata) minnghajr ma ta kaz min kien gej fuq il-karreggjata li kien diehel fiha. Fl-istess hin donnu allega li anke l-attur kien qed jikser ghal gewwa l-istess karreggjata fejn kien qed jippunta hu. It-tribunal isibha ferm difficli biex jemmen lill-konvenut fuq din ta l-ahhar peress li ma jistax ikun li l-konvenut seta kien jaf x'kien ser jaghmel l-attur u cioe li jidhol fl-istess karreggjata fejn kien diehel hu stess jekk anqas biss ma kien rah lill-attur qabel l-incident. Barra minnhekk l-attur apparti li jichad dan, ighid ukoll li l-intenjzoni tieghu kienet li jdur lejn il-lemin ghal tas-Sliema u mhux lejn ix-xellug. Barra minnhekk l-iskizz tal-warden ma jaghti ebda ndikazzjoni ta tali verzjoni. Il-konvenut imbaghad fil-verzjoni guramentata tieghu jghid li din il-manuvra fejn kiser ghal lane l-ohra ma kinietx daqshekk istantanea, pero, saret fuq medda ta diversi metri. Din ukoll ma hiex kredibbli peress illi huwa ferm aktar verosimili li l-manuvra kienet f'daqqa minnhabba li sab vettura parkeggjata ma wiccu quddiemu. Il-konvenut donnu jallega wkoll li l-warden ikkopja l-iskizz hazin minn fuq tieghu fejn allura huwa pproduca l-original tieghu bhala Dok LM5. F'dan l-iskizz il-konvenut jipprova jikkorobora l-verzjoni minnu moghtija bil-gurament fejn (1) allega li l-manuvra tieghu fejn gibed il-barra kienet saret

b'mod gradwali u (2) ipingi lill-attur angolat ghal gewwa fuq il-karreggjata fejn kien diehel hu. Fl-ewwel lok it-Tribunal gia esprima ruhu li ma jemminx li l-manuvra tal-konvenut kienet wahda gradwali tenut kont tal-fatt li l-vettura parkeggjata kien sabha f'daqqa ma wiccu oltre ghall-fatt li huwa nspjegabbli kif il-warden seta ma kkopjax sew skizz daqshekk semplici u fit-tieni lok it-Tribunal ukoll gia qal li ma jistax ikun li huwa lemah lill-attur hekk angolat fuq id-dokument LM 5 peress illi bilkemm kien rah qabel il-habta. Apparti minn dan kollu jigi notat ukoll li meta l-konvenut gie mistoqsi jelabora aktar fid-dettal dwar certi fattispecie tal-kaz huwa ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb jew ir-risposta tieghu ma kinietx konvincenti.

Illi dwar id-danni subiti, it-Tribunal jinsab soddisfatt bil-provi migjuba dwarhom fosthom id-dokumenti esebiti minn a fol 21 sa a fol 24 tal-process u kif ukoll mir-ritratti esebiti mill-istess konvenut innifsu.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Lawrence Mizzi bhala unikament responsabbli ghall-incident stradali meritu ta dina l-kawza u kwindi ghad-danni sofferti mill-atturi u ghalhekk qieghed jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta mija u hamsa u disghin lira tlieta u sittin centezmu (Lm195.63) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-13 ta Ottubru 2004 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------